REĠJUN TRAMUNTANA

112, Triq Ġulju, Bugibba,
San Pawl il-Baħar SPB 2617

**Laqgħa Reġjonali Nru. 22 ta' 2025, miżmuma nhar it-Tnejn, 30 ta' Ġunju 2025, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana.**

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • Angelo Micallef | Balzan | Membru |
| • Stefan Cordina | Ħ'Attard | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr | Membru |
| • Ċensu Galea | San Pawl il-Baħar | Membru |
| • Gabriel Micallef | Mellieħa | Membru |
| • Antoine Vella | Imtarfa | Delegat |

• Bjorn Bonello — Segretarju Eżekuttiv

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Christopher Deguara | Naxxar | Membru |
| • Aiken Zerafa | Mosta | Delegat |
| • Norbert Dalli | San Ġwann | Delegat |

**AĠENDA**

1. Ittri ta' Apoloġija
2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru. 21
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President
4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera
5. Aġġornamenti u diskussjoni;
   **5.1** Aġġornament rigward il-fond Reġjonali – RT 001/2025
   **5.2** Audited Financial Statements 2024
   **5.3** Talbiet ta' kotba u pubblikazzjonijiet
   **5.4** Spejjeż li qed jerfgħu l-kunsilli lokali
   **5.5** Permess għal-impjieġi ġodda fil-Kunsill Reġjonali
   **5.6** Aġġornament dwar is-Sitwazzjoni tal-Immaniġġjar tal-Iskart fir-Reġjun u rapport lid-Divisjoni tal-Gvern Lokali.
6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti
7. Aġġornament

Il-laqgħa nfetħet mill-President Clifford Galea fil-ħamsa u nofs (17.30) ta' filgħaxija.

**1. Ittri ta' Apoloġija**

Il-President Clifford Galea jinforma li s-Sindku, Dr. Christopher Deguara, kif ukoll il-kunsilliera delegati Aiken Zerafa u Norbert Dalli, huma indisposti.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru.21**

Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa numru 21 hekk kif miktuba mis-Segretarju Eżekuttiv.

Fuq proponiment tas-Sindku Paul Vella, issekondat mis-Sindku Gabriel Micallef, kien hemm qbil unanimu u l-minuti ġew approvati hekk kif preżentati.

**3. Komunikazzjoni u Korrispondenza mill-President**

**3.1 Aġġornament – Deep Blue Green – Proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea**

Il-President informa li d-dalgħodu stess saret l-ewwel laqgħa ta' tħejjija (kick-off meeting) flimkien mal-partners u l-organizzazzjonijiet rispettivi tagħhom li se jipparteċipaw fil-proġett. Din kienet laqgħa introduttorja fejn il-partners ppreżentaw lill-parteċipanti l-organizzazzjonijiet tagħhom. Il-President esprima s-sodisfazzjon tiegħu li fost l-organizzazzjonijiet li se jkunu involuti fir-reġjun tat-Tramuntana hemm: Special Olympics Malta, il-Malta Federation of Bodybuilding and Fitness, Aġenzija Sapport, u l-Ministeru

għall-Anzjanità Attiva. Żied jgħid ukoll li bdew jitħejjew l-attivitajiet relatati mal-proġett, u hemm l-intenzjoni li ssir mill-inqas attività waħda f'kull lokalità, sabiex ikun hemm involviment mill-komunitajiet kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-membri fl-imejl mibgħuta minn Sport Malta rigward l-attivitajiet sportivi, u ħeġġeġhom jieħdu vantaġġ minn din l-għajnuna offruta.

**3.2 Aġġornament – Vjaġġi Edukattivi madwar Filfla – Anzjanita Attiva**

Il-President informa li l-ewwel vjaġġ edukattiv madwar il-gżira ta' Filfla għaċ-Ċentri tal-Active Ageing fir-reġjun tagħna huwa skedat għal nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Lulju. It-trasport se jiġi pprovdut mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar u minn coach ipprovdut mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

L-1 ta' Awwissu huwa riżervat għaċ-Ċentru tal-Active Ageing tal-Mellieħa, filwaqt li l-vjaġġ li kien skedat għas-17 ta' Lulju ġie kkanċellat minħabba nuqqas ta' parteċipazzjoni minn ċerti ċentri tal-Anzjanità Attiva.

Għad fadal ftit postijiet disponibbli għall-vjaġġ tal-4 ta' Lulju. Il-President stieden lill-membri biex jinfurmaw lill-anzjani li jistgħu jkunu interessati li jingħaqdu ma' din l-iskursjoni.

Għal dan il-vjaġġ, se tinġabar kontribuzzjoni ta' €30 kull persuna sabiex ikunu koperti l-ispejjeż tad-dgħajsa u l-permessi meħtieġa. Il-Ministeru għall-Anzjanità Attiva se jkun qed jassumi l-ispejjeż relatati mat-trasport.

**3.3 Talba għal għajnuna - Għaqda tal-Malti - Żanżan kelma**

Ir-Reġjun Tramuntana rċieva korrispondenza mill-Għaqda tal-Malti – Università rigward l-inizjattiva "Żanżan Kelma 2025", li tinkludi tliet sessjonijiet ta' taħriġ fil-kitba u l-ortografija bil-Malti għat-tfal bejn it-8 u l-15-il sena, li se jsiru bejn Lulju u Settembru 2025. B'hekk, ir-Reġjun qed jappella lill-Kunsilli Lokali membri li jistgħu joffru l-venues tagħhom għal dawn is-sessjonijiet sabiex jikkuntattjaw lir-Reġjun. Ir-Reġjun ser joffri wkoll l-uffiċċju tiegħu bħala waħda mil-lokazzjonijiet.

**3.4 Aġġornament – The High-level Political Forum on Sustainable Development– f'New York 15/7/25 – 18/7/25**

L-Uffiċċju Amministrattiv ħa ħsieb li jressaq rikjesta ta' kwotazzjonijiet relatati mal-vjaġġ u l-akkomodazzjoni tal-President f'New York. Dawn l-ispejjeż huma mistennija li jiġu rimborsati minn Platforma (Local and

Regional International Action), filwaqt li r-Reġjun ser ikopri biss il-per diem ta' tliet iljieli skont ir-rati applikabbli. Il-kwotazzjonijiet jinkludu: €900 għal titjiriet u €600 għall-akkomodazzjoni.

### 3.5 Aġġornament – Synergies – Proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

Il-membri ġew infurmati li t-tielet evaluation workshop tal-proġett SYNERGIES, li sar f'Malta bejn is-17 u d-19 ta' Ġunju 2025 u li għalih ir-Reġjun kien responsabbli mil-logistika, intlaqa' b'suċċess u mexa b'mod pożittiv ħafna flimkien mal-partners barranin.. Ġie wkoll ringrazzjat il-Perit Censu Galea li attendha bħala Sindku ta' San Pawl il-Baħar.
Bħala parti mill-istess proġett, huwa ppjanat li jsir vjaġġ lejn La Réunion (Franza) fl-ewwel ġimgħa ta' Ottubru 2025, li fih se jipparteċipaw is-Segretarju Eżekuttiv u membru ieħor ta' l-istaff. L-ispejjeż relatati mat-titjira u l-akkomodazzjoni se jkunu koperti mill-fondi tal-proġett.

### 3.6 Aġenzija Sapport – Wellness Warriors

Il-President informa li r-Reġjun ġie avviċinat minn Aġenzija Sapport bl-iskop li jiġu organizzati xi attivitajiet ta' eżerċizzju fiżiku ma' grupp ta' tmien tfal b'diżabilitajiet intellettwali. L-Aġenzija talbet l-għajnuna tar-Reġjun sabiex jinstabu instrutturi jew coaches kwalifikati li jistgħu jmexxu dawn is-sessjonijiet. Barra minn hekk, Aġenzija Sapport se tkun qed tassisti wkoll fl-attivitajiet li qegħdin jiġu pjanati għal-settembru. Il-President appella lill-membri sabiex, jekk jafu b'xi persuni interessati f'dawn is-sessjonijiet, jgħidulhom biex jikkuntattjaw lir-Reġjun.

### 3.7 Talba għal Għajnuna Finanzjarja – Soċjetà Filarmonika l-Imġarr

Il-President informa lill-membri li r-Reġjun irċieva talba ta' għajnuna finanzjarja mingħand is-Soċjetà Filarmonika l-Imġarr sabiex jiġu koperti żidiet fl-ispejjeż relatati mal-organizzazzjoni tal-festa parrokkjali.
Wara diskussjoni, il-membri ddeċidew li l-għajnuna mitluba ma tingħatax, u l-proposti relatati jiġu ppreżentati quddiem il-Kunsill għall-eżami ulterjuri.
Il-membri qablu unanimement fuq din id-deċiżjoni.

### 3.8 Aġġornament – Il-ktieb The Colourful North (It-Tieni edizzjoni tal-ktieb Colours of the North

B'referenza għal laqgħa numru 20, punt 3.13 - Il-President informa lill-membri li t-talba għal kwotazzjonijiet intbagħtet mis-Segretarju Eżekuttiv, u bħalissa qed jiġu mwieġba diversi mistoqsijiet mill-pubblikaturi li diġà ssottomettew jew li qed jikkunsidraw li jissottomettu l-kwotazzjonijiet

tagħhom. Il-membri se jiġu infurmati hekk kif tiġi konkluża l-evalwazzjoni tal-kwotazzjonijiet.

**3.9 Naxxar Scouts Group - Użu minn ġnien madwar binja mhix użata**

Il-President informa lill-membri li ġie avviċinat mill-grupp tal-Iscouts tan-Naxxar bit-talba sabiex tiġi evalwata l-possibbiltà li jużaw ġnien li jinsab madwar binja li tagħmel parti mill-Water Services Corporation, In-Naxxar, u li bħalissa jidher li mhuwiex qed jintuża.

Il-President informa wkoll li is-Sinjura Marisa Pisani għamlet kuntatt miegħu dwar is-sitwazzjoni, u kienet se tinforma dwar il-passi li għandhom jittieħdu u dwar l-applikazzjoni meħtieġa biex jintuża dan is-sit.

**3.10 Il-Ktieb L-Addict – Uffiċċju tal-President tal-Parlament Ewropew, Roberta Metsola.**

Il-President informa lill-membri li ingħata kopja tal-ktieb L-Addict lill-Uffiċċju tal-President tal-Parlament Ewropew, Roberta Metsola.

**4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Is-Sindku Gabriel Micallef staqsa għal aġġornament dwar it-tender għall-installazzjoni ta' kameras tas-sigurtà. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għadu qed jistenna l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati. Dan sabiex ikun jista’ jagħmel evalwazzjoni aktar bir-reqqa tal-prodotti offruti u jqabbel 'like with like', hekk kif il-kwotazzjonijiet riċevuti jvarjaw b’mod sinifikanti.

**5. Aġġornamenti u diskussjoni**

**5.1 Aġġornament rigward il-fond Reġjonali – RT 001/2025**

B’referenza għal Laqgħa Nru. 21, punt 5.1, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li d-dokument relatat ġie finalizzat u ċirkolat bejn il-Kunsilli rispettivi.

Fuq proponiment tas-Sindku Stefan Cordina, sekondat mis-Sindku Gabriel Micallef, kien hemm qbil unanimu biex jiġi approvat id-dokument relatat mal-fond ta’ €27,000 kif ippreżentat.

Il-membri esprimew ir-ringrazzjament tagħhom lill-President u lis-Segretarju Eżekuttiv talli pprovdew din l-opportunità li permezz tagħha tkun offruta aktar għajnuna lill-kunsilli u lill-komunitajiet tar-Reġjun Tramuntana.

### 5.2 Audited Financial Statements 2024

Il-membri ddeċidew li, minħabba li ma kienx hemm biżżejjed ħin biex jiġu eżaminati kif xieraq, il-punt għandu jiġi pospost għall-laqgħa li jmiss. Huma wkoll esprimew ix-xewqa li dan ir-rapport jiġi spjegat fid-dettall mill-accountant.

### 5.3 Talbiet ta’ kotba u pubblikazjonijiet

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li bagħat linji gwida relatati ma’ dan il-proċess. Il-membri qablu li d-deċiżjoni finali għandha tibqa’ f’idejn il-kunsilli rispettivi. Għalhekk, kull talba għal xi pubblikazzjoni għandha l-ewwel tgħaddi mill-laqgħa tal-kunsill rispettiv.

### 5.4 Spejjeż li qed jerfgħu l-kunsilli lokali

Saret diskussjoni dwar l-ispejjeż li l-kunsilli lokali qed jerfgħu, u li forsi jistgħu jiġu ffrankati jew inkella tinstab sistema sabiex dawn il-ħlasijiet ikunu inqas jew proporzjonati mal-ħtiġijiet li jkunu qed jirriżultaw. Fir-rigward ta’ dan, ir-Reġjun ser jara kif jista’ jseħħ dan mingħajr ma jkun hemm impatt negattiv fuq il-kunsilli jew fuq l-awtonomija tagħhom.

Ser tittieħed l-opportunità sabiex isiru diskussjonijiet mal-Ministru, speċjalment issa li d-dekasteru tiegħu ser jinkludi wkoll il-Lands Authority, biex ċerti proċessi jiġu mtejba.

### 5.5 Impjieġi ġodda fil-Kunsill Reġjonali tat-Tramuntana

Il-President informa lill-membri u ppreżenta l-ittra ta’ riżenja tas-Sinjorina Kristina Camilleri mill-pożizzjoni ta’ Reġistratur fit-Tribunal Tramuntana. B’referenza għal dan, ir-Reġjun ser joħroġ talba ta’ permess għal impjiegi ġodda li jinkludu: Reġistratur (Skala 10), Administrative Officer II (Skala 10), u żewġ Clerks (Skala 15). Dawn il-ħaddiema se jiġu mħarrġa sabiex jassistu f’xogħol relatat ma’ bookkeeping, kontabilità, xogħol relatat mal-iskart, u affarijiet oħra amministrattivi.

L-Accountant tar-Reġjun ikkonfermat li l-allokazzjoni finanzjarja għad-dħul ta’ dawn l-impjiegi tammonta għal madwar €75,000 fis-sena, u li r-Reġjun għandu l-fondi meħtieġa disponibbli. Il-pożizzjoni ta’ Reġistratur ser tibqa’ tkun imħallsa mill-Aġenzija LESA.

Barra minn hekk, ir-Reġjun ser jilqa’ student jew tnejn bejn Lulju u Settembru li ser jgħinu fix-xogħol amministrattiv tal-uffiċċju, u jiġu mħallsa mir-Reġjun.

Intqal ukoll li s-Sur Aderemi Baderinwa, il-manager preżenti tal-ġbir tal-iskart, ġie infurmat li wara deċiżjoni tal-membri, il-kuntratt tiegħu mhux ser jiġġedded u ser jiġi tterminat f’Diċembru 2025. Is-Sur Baderinwa rrisponda permezz ta’ email li huwa jaċċetta din id-deċiżjoni.

Fuq proponiment tal-Viċi President Dr. Angelo Micallef, sekondat mill-Kunsillier Antoine Vella, kien hemm qbil unanimu dwar dawn il-punti minħabba li jirrappreżentaw bżonn immedjat għall-ħidma tar-Reġjun.

Il-President informa wkoll lill-membri li, peress li r-Reġjun se jkollu l-unur li jkun ir-Reġjun Kulturali għall-2028, hemm il-ħtieġa li jinħatar Cultural Manager sabiex jiġi żgurat livell adegwat ta’ tħejjija f’dan il-qasam kruċjali. Huwa ssuġġerit ukoll li jibda l-proċess biex jinħatar EU Projects Manager.

Se jsiru diskussjonijiet interni sabiex jiġi deċiż jekk dawn il-karigi għandhomx ikunu fuq bażi full-time jew part-time.

Fuq proponiment tas-Sindku Gabriel Micallef, sekondat mis-Sindku Paul Vella, kien hemm qbil unanimu sabiex dawn il-vakanzi jiġu ppubblikati.

**5.6 Aġġornament dwar is-Sitwazzjoni tal-Immaniġġjar tal-Iskart fir-Reġjun u rapport lid-Divisjoni tal-Gvern Lokali.**

Is-Segretarju Eżekuttiv ta sommarju dwar rapport estensiv li r-Reġjun Tramuntana ser ikun qed iressaq għal attenzjoni tad-Direttorat tal-Gvern Lokali.

Dan id-dokument jiddokumenta nuqqasijiet serji u persistenti fil-kuntratt tal-ġbir tal-iskart CT2134/2022 mill-kuntrattur. Matul l-ewwel 30 xahar tas-servizz, ġew irrappurtati nuqqasijiet kontrattwali bħan-nuqqas ta’ pjan tax-xogħol approvat, użu ta’ inqas trakkijiet minn dak li mwiegħed, li qed jirriżulta f’dewmien esaġerat tal-ġabra, assenza ta’ GPS attiv fuq il-vetturi, nuqqas ta’ struttura ta’ Customer Care, u nuqqas ta’ kontroll fuq sub contractors. Ir-rapport jgħid li minkejja diversi laqgħat, ittri u avviżi uffiċjali, ma sarx il-progress mixtieq.

Għalhekk, ir-Reġjun Tramuntana qed jirrakkomanda l-applikazzjoni tal-penali skont il-kundizzjonijiet tal-kuntratt, sabiex jiġu mħarsa l-obbligi legali u l-kwalità tas-servizz lejn ir-residenti. L-eżekuzzjoni tal-kuntratt tkun effettiva biss jekk l-istandards u r-regolamenti jiġu infurzati b’mod konsistenti.

**6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti;**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni, l-iskeda ta' pagamenti Numru 189 għall-perjodu ta' bejn il-30 ta' Mejju 2025 u l-27 ta' Ġunju 2025. L-Iskeda msemmija ġiet approvata mill-proponent is-Sindku Paul Vella, issekondata mill-Kunsillier Antoine Vella. Il-membri qablu unanimament.

**7. Aġġornament**

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-sebgħa u nofs (19.30) ta' filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 22 ta' Lulju 2025 fil-17.30, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv ta' Reġjun Tramuntana.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Clifford Galea | Bjorn Bonello |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati illum it-Tlieta 22 ta' Lulju 2025